MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 395/2009

Kawza fil-lista: 28

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw**
**lill-assenti C D E B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li fis-27 ta' April 1994 hija kkuntrattat zwieg civili mal-konvenut assenti; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] u fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19 [1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll "ai termini ta' l-artikoli l-ohra relevanti" ta' l-Att XXXVI tas-sena 1975;

ghaldaqstant qed titlob li z-zwieg de quo jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati rrispondew li f' dak l-istadju ma kienux edotti bil-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta fuq il-meritu meta jkunu hekk edotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-27 ta' April 1994 huwa null fil-ligi fit-termini ta' dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut assenti ma prezentax risposta fuq il-meritu.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizultaw mhux kontaddetti s-segwenti fatti.

Illi fis-27 ta' April 1994 l-attrici, cittadina Maltija, li allura kellha 26 sena u li diga' kienet armla bi tlett-it tfal mill-ewwel zwieg, izzewwget lill-konvenut, cittadin Egizzjan ta' 28 sena, wara li kienet ilha tafu erba [4] xhur. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa tlettax-il sena, li matulha twieldu erbat-it tfal, u li matulha l-partijiet ghexu kemm f' Malta kif ukoll fl-Egittu, il-partijiet isseparaw de facto meta l-konvenut kecca lill-attrici mid-dar konjugali, u zamm mieghu t-tfal taghhom. L-attrici kienet kostretta li tinzel Malta minghajr it-tfal mit-tieni zwieg. Sadanittant il-konvenut qata' kull kuntatt ma' l-attrici.

Illi l-attrici tispjega li meta miet l-ewwel ragel taghha hija kien ghad kellha biss 26 sena, u peress li diga' kellha tlett-it tfal, hija hasset sew il-piz tat-trobbija waheda kif ukoll il-piz tad-dar li kienu xtraw.

Ghalhekk hija kienet vulnerabbli ghall-avvanzi li kien qed jaghmilha l-konvenut. Dak iz-zmien hija kellha d-dar taghha u karrozza.

Tghgid li "ftit wara li bdejna nohorgu flimkien, u cioe' xaharejn wara, hu azzarda jindikali li l-visa tieghu kienet ser tispicca, u vilment staqsieni biex nizzewwgu biex ikun jista' jibqa' Malta."[1] Izda "bhal hmar jiena accettajt ghax kont mimblija b' emozzjoni ghamja bil-piz tat-tfal."[2]

Tghid li "meta ghamilna l-pass taz-zwieg, inbidel mill-lejl ghan-nhar, u nistgha nghid li hakimni tahtu b' tal mod li bdejt inhossni fgata f' sitwazzjoni fejn ma kontx naf kif ser nohrog minnha."[3] Kien jigi tas-spiss xurban fis-1.00 am fejn anke jippretendi li l-attrici tqum biex issajjarlu, gieghli anke fit-3.00am; u f' kaz li toggezzjoni kien jaghtiha xeba.

Fid-deposizzjoni taghha, l-attrici tghid li l-hajja mizzewwga taghha kienet "mizerja shiha" u ta' kuljum kien jaqfila gewwa, u tohrog mieghu biss. Kien jimpediha wkoll milli tuza t-telefon. Tghid li "kont qisni annimal", biex naghmel it-tfal biss.

Is-sitwazzjoni aggravat meta l-partijiet marru l-Egittu. Hemmhekk il-familjari tal-konvenut ma kienux accettawha peress li ma kienitx muzulmana; u wkoll il-konvenut kien jisma' minn ommu, u mhux minn martu. Il-konvenut kien jikmanda hu u juru li jikmanda hu, ghax jekk ma taghmilx dak li jrid hu kien isawwatha. Anke fir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom, il-konvenut kien dominanti u nsensittiv ghall-attrici; u gieghli kien hemm okkazzjonijiet fejn "l-ewwel kont naqla' xebgha sew, u mbaghad kont nispicca tahtu jien."[4] Tispjega li, fuq parir tat-tabib taghha, hija ma setghetx tiehu l-pillola kontracettiva minhabba konsegwenzi medici.

---

[1] Fol.58
[2] Ibid.
[3] Ibid.
[4] Fol.52

Dwar l-aspett patrimonjali taz-zwieg l-attrici tispjega li, meta zzewwget lill-konvenut, hija kellha dar u karrozza; izda maz-zwieg, u fuq pressjoni tal-konvenut, hija bieghet id-dar parafernali taghha, u l-flus gew epositati f' kont kongunt; eventwalment xtraw dar ohra; u sar self fuq din id-dar u l-oggetti fiha sabiex il-konvenut jiftah negozju, izda dan in-negozju falla, u meta l-attrici kienet qeda l-Egittu, gie informata mit-tifel taghha ta' l-ewwel zwieg li n-nies kienu qed igorrulhom l-ghamara. Meta l-attrici nizlet Malta sabet stragi, u "b'din l-istragi ma kellix triq ohra ghajr li nbiegh id-dar u nhallas sija l-bank, kif ukoll debitu kbir li kellu l-konvenut."[5]

Illum il-gurnata l-attrici tghix Malta waheda flimkien mat-tfal taghha ta' l-ewwel zwieg, filwaqt li l-erbghat-it tfal taz-zwieg baqghu mizmuma l-Egittu mill-konvenut, li qata' kull kuntatt ma' l-attrici.

In fine, l-attrici tirrakkonta li meta hi kienet ghadha tghix l-Egittu mal-konvenut, u maghhom kien hemm it-tifla taghha mill-ewwel zwieg li ghandha 16-il sena, skopriet li l-konvenut kien ipoggi sustanza sedattiva fil-hot chocolate tat-tifla sabiex bil-lejl meta din tkun rieda jmur hdeja u jaghmel atti oxxeni fuqu nnifsu

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta manifestament li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenut kien inkapaci li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u senjatament dawk naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Il-provi juru li l-konvenut izzewweg lill-attrici unikament ghall-iskopijiet egojisti tieghu, u fiz-zwieg kien dominanti ghall-ahhar, vjolenti u nsensittiv ghall-bzonnijiet u sentimenti ta' martu. Huwa wera li kellu mmatuA' affettiva, tant li lill-attrici kien jaraha biss bhala mezz biex jakkwista hu dak li materjalment ried hu, u xejn aktar. Rizultat ta' dan il-komportament abuziv da parti tal-

[5] Fol.60

konvenut, fit-tieni zwieg l-attrici kienet kontinwament imdejjqa, mahkuma u anke abbuzata, u dan, minbarra li tilfet il-gid li kellha qabel dan iz-zwieg – tort tal-konvenut.

Ghaldaqstant, fil-fehema ta' din il-Qorti, f' dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront tal-konvenut il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255;  u ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat minnha mal-konvenut fis-27 ta' April 1994.

L-ispejjez jkunu a kariku tal-konvenut, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------